# AVVIŻI

• Il-Kumitat tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni jiċħad bil-qawwa kollha kull xniegħa u kull allegazzjoni li Ġuża Mifsud għamlet xo previżjoni dwar il-futur politiku ta' Malta.
Ġuża baqgħet dejjem imparzjali u talbet għall-għaqda fost il-Maltin u biex ikollna il-paċi f'Malta.

• Il-laqgħat ta' Talb, il-Girgenti se jkomplu jsiru u l-fuljett "Leħen il-Girgenti" jibqa' joħroġ kull tliet xhur.

• Il-Laqgħat ta' Talb se jsiru kif ġej:

| | |
|---|---|
| Fil-5 ta' Jannar | : Il-Hadd, fit-3.00 p.m. |
| Fid-19 ta' Jannar | : Il-Hadd, fit-3.00 p.m. |
| Fit-2 ta' Frar | : Il-Hadd, fit-3.30 p.m. |
| Fis-16 ta' Frar | : Il-Hadd, fit-3.30 p.m. |
| Fit-2 ta' Marzu | : Il-Hadd, fl-4.00 p.m. |
| Fid-16 ta' Marzu | : Il-Hadd, fl-4.00 p.m. |
| Fis-6 ta' April | : Il-Hadd, fit-5.30 p.m. |
| Fl-20 ta' April | : Il-Hadd, fit-5.30 p.m. |

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 29 JANNAR 1997 JITQASSAM BLA ĦLAS

## IL-MAĦBUBA ĠUŻA ĦALLIETNA



Kienet hasda għal kull min kien jaf lil Ġuża Mifsud meta nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru bdiet tixtered l-aħbar tal-mewt tagħha. Dak inhar hi għarfet li kien wasal iż-żmien li ma tistax tibqa' d-dar waħedha għax saħħitha kienet marret lura ħafna. Filfatt meta xil-11.30 a.m. Sylvana Spiteri, is-Segretarja tal-Kumitat ċemplitilha biex tara kif inhi, Ġuża weġbitha li tinsab batuta ħafna. Talbet lil Sylvana ċċempel lil Perit Philip Azzopardi, President tal-Kumitat biex dan

iċċempel lil *Little Sisters of the Poor* sabiex tingħabar magħhom. Meta dan qabel xejn reġa' ċempel lil Ġuża din qaltlu wkoll biex iċċempel lil Lourdes Axisa sabiex tmur tgħinha ftit. Lourdes talbet lil Philip iċċempel lil Sylvana ħalli din tmur għand Ġuża wkoll.

Meta Sylvana waslet għand Ġuża għal ħabta ta' 12.05 p.m. sabet lil Ġuża fuq, fil-kamra tas-sodda qegħda ħ stess titkellem ma Mother Mary tal-Little Sisters of the Poor. Meta qatgħu Ġuża qadet ftit ħin ieħor fuq flimkien ma Sylvana, u Lourdes marret id-dar issajjar ftit brodu għal Ġuża fuq talba tagħha stess. Għall-ħabta tas-2.00 p.m. Ġuża niżlet minn fuq u daħlet fuq il-pultruna ħdejn l-artal tal-Madonna. Xis-2.30 p.m. waslet it-telefonata li kkonfermat li l-*Little Sisters* kellhom kollox lest biex jilqgħu lil Ġuża.

Sylvana bdiet iċċempel lil qraba ta' Ġuża biex tavżhom li Ġuża kienet sejra mal-*Little Sisters*. Sabet id-dar lin-neputijiet minnhom, Miriam Farrugia li qaltilha li dalwaqt tasal wasla s'għand zijitha. Ġuża bdiet tgħid lil Sylvana fejn qegħdin l-affarijiet li kienet ser tieħu magħha inkluż żewġ inkwadri tal-Madonna, wieħed għall-kamra tagħha u ieħor għas-Sisters. Sadanittant waslu kemm Lourdes u anke Miriam.

Għat-3.30 p.m. Ġuża marret fir-remissa (kamra fil-ġenb) filwaqt li Sylvana, Lourdes u Miriam kienu fil-kċina. Semgħu ħoss u meta daħlu fir-remissa sabu lil Ġuża ma l-art mitlufa minn sensiha. Meta ġiet f'tagħha tellgħuha fuq is-sodda li kien hemm, u fil-frattemp ċemplu għall-ambulanza u t-tabib tagħha. Meta wasal Dr. Fenech dan qalilhom biex ifittxu jġibu qassis għaliex Ġuża kienet fl-aħħar mumenti. Il-qassis, Dun Daniel Schembri laħaqha meta kienet qegħda tieħu l-aħħar nifsijiet. Ġiet iċċertifikata mejta fl-3.45 p.m. u l-kawża tal-mewt ġiet dikjarata bħala *"Cerebral Embolism"*.

## IL-FUNERAL

Flimkien mat-tħejjijiet normali tal-Funeral intalab ukoll permess lill-Arċipriet Fr. Richard Borg sabiex Ġuża l-għada tkun esposta fil-kappella ta' San Ġwann li hemm fil-pjazza tas-Siġġiewi. Filfatt hekk ġara bil-permess tal-Arċisqof Mons. G. Mercieca.

Ħafna nies attendew kemm it-Tlieta kif ukoll l-Erbgħa. Il-Korteo lejn il-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi telaq fit-8.30 a.m. u fid-9.00 a.m. bdiet quddiesa ikkonċelebrata minn Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Emeritus, flimkien ma ħmistax-il saċerdot ieħor.

Wara Ġuża ġiet midfuna f'qabar għaliha fiċ-Ċmiterju tal-Madonna tal-Karmnu fis-Siġġiewi.



## OMELIJA MINN MONS. CARMELO XUEREB VIGARJU EMERITUS WAQT IL-FUNERAL TA' ĠUŻA MIFSUD 30.10.1996



**Mons. Carmelo Xuereb fil-konċelebbrazzjoni tal-funeral**

Meta nhar it-Tnejn li għadda, 28 ta' dan ix-xahar waslitli l-aħbar tal-mewt ta' oħtna Ġuża, dlonk ġieni quddiemi l-kwadru li jinsab fil-Kurja ta' l-Arċisqof fil-kappella ta' San Kalċidonju impinġi minn Antonio Fabbre, wieħed mill-pitturi kbar li kien hawn Malta, pittura li tirrappreżenta tal-patrijarka San Ġużepp. Pittura li turi s-serenità, il-kalma li biha San Ġużepp għadda mid-dinja għall-oħra, min-naħa Ġesù u min-naħa l-oħra l-Gran Verġni Marija. U dan il-kwadru ġieni quddiemi għaliex hekk hija l-mewt tal-qaddisin. Il-mewt tal-qaddisin hija serena, hija kalma, hija fil-paċi, jafu li ser imorru f'dar il-Missier tas-sema għaliex aħna ma għandniex għamara hawn li tibqa' għal dejjem imma aħna pajżani tas-sema pajjiżna.

Niftakar li meta kont qed naqra u devot ħafna ta' San Roberto Bellarmino kont qed naqra episodju illi ġara propju ftit sigħat qabel il-mewt tiegħu. San Roberto kien Kardinal, kien jaħdem qrib il-Papa u ġurnata waħda wara li lesta l-ħidma tiegħu fil-Kurja Rumana ħareġ biex jirritorna lejn in-novizzjat tal-Ġiżwiti fejn kien joqgħod u ltaqa' ma Kardinal ieħor li kien il-Kardinal

Alessandro Deste u dan il-Kardinal għamillu din il-mistoqsija. "*Dove va Eminenxa?*" "Fejn sejjer?" u qallu, rrispondih, wieġbu, "*A morire*", "Sejjer biex immut." "Sejjer biex tmut?" qallu l-Kardinal Deste, "għandek wiċċek kollu enerġija, għandek wiċċek ta' żagħżugħ titkellem b'dan il-mod?" Qallu, "Iva sejjer biex immut u sejejr biex immut biex immur f'dar il-Missier." U proprju dik il-lejla l-Kardinal Bellarmoni il-Mulej sejjaħlu għal ħdanu u mar f'dar il-Mulej. Kien qed jaħdem, kien qed iwettaq id-doveri u r-responsabiltajiet tiegħu bl-aktar fedeltà lejn il-Qdusija Tiegħu il-Papa u lejn il-Knisja Kattolika u ma jimpurtahx għalkemm kien qed iħoss naturalment li l-mewt kienet qorbot, ma jimpurtah xejn li l-mewt qorbot u jiena dan l-episodju nifhem illi proprju s-serenità illi jkollhom il-qaddisin, hija serenità illi jġagħlhom kemm jekk inhuma ħajjin u kemm jekk kemm il-darba jasal il-mument tal-mewt ikomplu bil-paċi, ikomplu bil-kwiet.

Insemmi Ġużwita ieħor. Insemmi lil San Alwiġi, San Alwiġi ġurnata waħda waqt li kien qiegħed jilgħab qalulu, "X'kont tagħmel li kieku kellu xi ħadd jgħidlek illi wasal il-mument tal-mewt?" Hu irrispondih, "Kont inkompli nilgħab, inkompli nilgħab."

Ġuza kompliet sa l-aħħar bis-serenità kollha tistenna l-ġurnata li fiha, il-mument li fih kellu l-Mulej isejjħilha għal ħdanu, tant li dik il-ġurnata stess filgħodu kienet qiegħda tifhem illi s-saħħa qegħda tħalliha bil-mod il-mod, li ma kienx iżjed il-mument li tibqa' waħedha u kienet qegħda tipproġetta biex mur f'dar tal-anzjani qisu l-Mulej riedha tibqa' f'darha, proprju meta ser tmur il-Mulej sejħilha għal ħdanu, imma hi laqgħet il-mewt bl-akbar serenità u hija ħaġa ovvja, għaliex Ġuża ma kelliex rabtiet mad-dinja. Il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, mhu ser iħallu xejn warajhom.

Ma tiftakrux dak l-episodju sabiħ li aħna naqraw fl-Iskrittura Mqaddsa, fl-evanġelju ta' San Luqa? Mhux ġrajja li seħħet tassew imma kienet parrabola, imma li minn jaf kemm ġrjjiet bħalha jitwettqu matul il-ħajja tal-bnedmin. Tgħid l-iskrittura li kien hemm raġel sinjur, kellu ħsad tajjeb, beda jaħseb x'ser jagħmel b'dan il-ħsad, fejn ipoġġih ma kellux, iddeċieda jibni mhażen kbar fejn ipoġġi l-ħsad tiegħu u mbagħad ikun jista' jgħid lilu nnifsu, "Issa kul u ixxala." Imma f'dak il-mument stess il-Mulej qallu, "Dan il-lejl inti ser ikollok tħalli kollox warajk. Dan il-lejl ser tiġi l-mewt biex taħsdek u dak li inti ser tħalli ser isir?" L-inkwiet huwa ta' dawk li qalbhom marbuta mad-dinja.

Għalhekk illum fuq il-fdal mortali ta' oħtna fi Kristu, dana huwa l-ewwel proponiment li rridu nagħmlu. Din hija l-meditazzjoni li tixtieqna nagħmlu l-Knisja, dwar kemm kollox irridu nħallu warajna, li ma tiġix dik il-ġurnata li



għax qalbna marbuta mad-dinja aħna ma nkunux ippreparati u disposti biex immorru fil-ħdan tal-Missier. Jingħad li wieħed, ċertu Mazzarino li kien bena bibljoteka sabiħa mimlija kwadri li kien akkwista bil-mod il-mod, għarrfuh li kienet waslet il-ġurnata tal-mewt u dana imnikket u b'qalbu sewda kien iqum bil-lejl bix-xemgħa iħares lejn il-kwadri lim kien hemm fis-sala li kellu u kien jgħidilhom, "*E possiblile che io vi debba lasciare?*" "Possibli li jiena ser ikolli nħallikom?"

Imma rridu jew ma rridux meta tiġi l-mewt, meta tiġi biex taħsadna minn din il-ħajja, aħna rridu noqogħdu attenti li ma nħalluha tintrabat ma xejn, tintrabat ma Alla, tintrabat mal-Madonna u dawn ir-rabtiet li kellha Ġuża, ir-rabta ma' Alla. Niftakru li madwar għaxar snin ilu, fis-sena 1987, kont Vigarju l-Kurja, Ġuża ġiet flimkien ma Monsinjur Grima biex tarani u biex naturalment nagħti s-siġill uffiċjali tad-dehriet li kellha mill-Madonna, li kienet tallega li kellha mill-Madonna. Dan ma stajtx nagħmlu jien, dan ma tistax tagħmlu l-Knisja. Il-Knisja l-proċedura tagħha hija proċedura ta' eżami rqiq, ta' eżami fin qabel ma tasal għad-deċiżjonijiet tagħha. Però jiena għidtilha biex tkompli tkabbar in-numru ta' dawk l-erwieħ li ridu jitqaddsu, jersqu lejn Ġesù permezz ta' Marija Santissima. Harġet hi u kellimni Mons. Grima waħdi u qalli, "Ilni ħafna nidderiġi erwieħ imma ruħ mistika bħalma kienet ta' Ġuża, bħalma hija ta' Ġuża qatt ma ltqajt magħha." Kellu din l-idea sublimi ta' din ir-ruħ marbuta intimament ma Alla, marbuta kompletament u intimamanet mal-Mulej.

U min marbut hu mal-Mulej kif jirraġuna? Jirraġuna bħall-Apppostlu Missierna San Pawl li kien jgħid, *chi libera Christus est et mori lucrum,* l-għajxien huwa Kristu u l-mewt hija gwadann, il-mewt hija rebħa. Hekk jirraġuna min l-orjentament tiegħu hu Alla l-Imbierek, minn qalbu hija marbuta mal-Mulej, flimkien mal-ħsieb u d-determinazzjoni tal-fida tagħha mill-ġid tal-art li jtebbagħlna qalbna. Il-ġid huwa ta' kull kwalità u mhux biss il-flus, imma wkoll jistgħu ikunu l-ħbieb. Santa Tereża qabel ġiet biex tidħol reliġjuża bdiet tqatta' biċċa biċċa l-ittri illi tant kienet tgħożż, illi kienet irċeviet mingħand il-ħbieb tagħha biex tkompli tissepara ruħha mill-ħwejjeġ tad-dinja ħalli tkun tista' tagħti ruħha kompletament lill-Mulej.

Bħalma kellha rabta kbira ma' Ġesù, Ġuża kellha rabta kbira ma Ommna Marija Santissima u lkoll aħna xhieda ta' kemm mexxiet id-devozzjoni, ta' kemm ħabirket biex l-erwieħ jikkonsagraw irwieħhom lill-Marija Santissima u permezz tal-Madonna lil Ġesù għaliex dan huwa t-tagħlim tal-Knisja, *ad Jesum per Mariam,* għand Ġesù permezz tal-Madonna.

Kien għalhekk li l-Papa Pawlu VI f'wieħed mid-diskorsi tiegħu fuq il-Madonna kien qal, "*Uno non puo essere Cristiano se non è Mariano,*" ma

jistax bniedem ikun nisrani jekk kemm il-darba fl-istess ħin ma jkollux devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima. Lejn Ommna Marija Santissima Ġuża tgħid li kellha u ċertament kellha magħha intimità kbira u rrid nifhem jien illi llum twettqet ix-xewqa kbira tagħha. Meta mort naraha fil-kappella, hawnhekk fil-viċin, xtaqt illi nkantaw flimkien "O kemm nixtieq narak O ħelwa tiegħi Marija." Minn jaf kemm kienet tgħidhom dawn il-kelmiet, jekk kemm-il darba mhux bil-kant tal-vuċi imma bil-kant ta' qalbha:

Oh kemm nixtieq naraha
L-Omm ħelwa tiegħi Marija
Li tgħaxxaq bis-sbuħija
Lill-anġli u l-qaddisin

Oh kemm nixtieq naraha,
Dan hu t-tnehid ta' qalbi,
L-ilfiq li jħeġġeġ qalbi,
Bil-lejl, bi nhar, kull ħin.

Kemm tixtieq tara l-Madonnna u llum ċerti li tinsab ħdejn il-Madonna. J'Alla tiġi l-ġurnata li flimkien, bħal Ġuża, għaliex inkunu ħabbejna lill-Marija Santissima ninghaqdu magħha u mal-qaddisin fis-sema fejn Alla l-Imbierek ikun il-feliċità tal-qalb tagħna għal dejjem. Hekk ikun.

# MAFKAR LI GHADU MA NBENIEX

## (Lil Ġuża Mifsud f'jum id-difna tagħha)

(Wara l-quddiesa, Mons. Dr. Amante Buontempo, qara l-poeżija li għamel għall-okkażjoni u li ġiet milqugħa b'applawż kbir mill-folla li ħonqot il-Knisja Arċipretali.)

Hallejt Mafkar warajk f'Wied il-Girgenti,
mafkar ta' ġmiel li għadu qed jinbena,
fejn ħafna eluf ta' nies semgħuk titkellem
b'ġieh Omm il-Ħajja.

Illum ilsienek siket, biex issellem
bi skietek lilna, li drajniek tinfena
minħabba fin-nuqqas ta' min il-Grajja
ma riedx jismagħha:

il-Ġrajja li xandart b'kemm kellek saħħa
f'ġismek marid, imżejjen b'tant virtù,
biex tqanqal fil-bniedem xewqat ta' mħabba
lejn Omm Gesù.

Kemm smajtek tħeġġeġ nies, u bqajt imċekken,
quddiem l-għerf kbir li wrejt biċ-ċokon tiegħek!
Kliemek ma jintesiex, għalkemm imrekken
f'biċċiet tal-karti,

li ma jaqrahom ħadd miktuba minnek,
sakemm ma jseħħx il-ħsieb ta' Min ħabbarlek
x'se jiġri f'dak il-Wied, fejn ġiehek ġwejjed
ried ikabbarlek.

Illum ħassejt il-bżonn b'din it-tislima,
li nitlob lil Ġesù fl-Ewkaristija,
li tant kont tħobb u tgħożż u tagħti qima,
ifakkrek fija.

Is-Sinjura tal-Ħajja w l-Ostja Mqaddsa,
li kienet fuq ilsienek lejl u nhar,
ikomplu jigbdu l-qlub t'eluf ta' wlied
lejn dak il-Wied,

li fih smajniek titkellem meta ħajja.
Mill-lum għajnejk ileqqu jħarsu 'l fuq
ma narawhomx; għalhekk dawwarhom 'l isfel,
fejn frixt l-għeruq.

Hallini nerġa' nsieħlek "Ġuża ruħi",
kif kien jgħidlek sikwit Monsinjur Grima,
li tak illum l-ewwel fis-sema, w jiena
l-aħħar tislima.

30/10/96 Mons. Amante Buontempo